MINUTI

Laqgħa tal-Kunsill Lokali Iż-Żebbuġ

IS-SEBA' LEĠISLATURA

Laqgħa Numru 26/2016

Il-Ġimgħa 27 ta' Jannar 2017

Il-Kunsill Lokali Iż-Żebbuġ iltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz Triq il-Knisja, fil-5.00 ta' filgħaxija.

PREŻENTI:

Is-Sur Nicky Saliba – Sindku
Is-Sur Daniel Cordina – Viċi Sindku
Is-Sur Christian Cassar – Kunsillier
Chev Carmelo Saliba – Kunsillier
Is-Sinjura Sandra Grech – Kunsilliera
Is-Sinjura Maria Saliba – Chairperson Kumitat Amministrattiv għal Marsalforn

ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):

ASSENTI:

UFFIĊJAL PREŻENTI:

Is-Sinjura Josianne Cassar – Deputat Segretarju Eżekuttiv

## Minuti

Is-Sindku Nicky Saliba ippresjeda l-laqgħa.

### 26.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji;

26.1.1 Ma kienx hemm ittri ta' apoloġiji.

### 26.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti;

26.2.1 Billi l-minuti tal-laqgħat bin-nru. 24/07/2016 u 25/07/2016 ġew ċirkulati minn qabel, dawn ġew meqjusa bħala moqrija.

26.2.2 Is-Sindku talab għal xi korrezzjonijiet li setgħa kien hemm għall-minuti.

26.2.3 Is-Sindku talab għall-approvazzjoni tal-minuti u staqsa għal dawk li kienu favur, kontra jew li ser jastjenu. Minħabba li kien jidher li kulħadd kien favur, dawn il-minuti ġew approvati u ffirmati.

### 26.3 Komunikazzjoni mis-Sindku;

26.3.1 Is-Sindku qal li l-laqgħa tal-lokalita' saret il-Ġimgħa 13 ta' Jannar 2017. Id-Deputat Segretarju Eżekuttiv poġġiet fuq il-mejda tal-kamra l-minuti ta' din il-laqgħa.

### 26.4 Tweġibiet għall-mistoqsijiet tal-Kunsillieri;

26.4.1 Chev C Saliba qal illi ser jibda l-proċess tal-applikazzjoni għall-ġemellaġġ mal-Comune di Lanuvio. Il-Kunsill qabel.

26.4.2 Dwar l-attivita` tal-Kerygma li ser ssir nhar il-Ġimgħa 3 ta' Frar 2017 il-Kunsill qabel li jorganizza trasport kemm għall-membri tal-Kunsill kif ukoll għall-familja tan-nominat.

### 26.5 Korrispondenza, Ilmenti u Suġġerimenti;

26.5.1 Ċirkulari AKL 3/2017 – Laqgħa Plenarja nhar is-Sibt 4 ta' Marzu 2017 – *Working Groups*. Is-Sindku u l-Kunsilliera Chev C Saliba u S Grech ser jattendu.

26.5.2 Ċirkulari AKL 4/2017 – *Group Health Insurance Policy* 2017. Il-Kunsill qabel illi jagħmel din l-assigurazzjoni.

26.5.3 Ċirkulari AKL 11/2017 – *Maintenance of Playing Fields*.

26.5.4 Direttiva 1/2017 tad-Dipartiment għall-Gvern Lokali – *Accounting Treatment* ta' Assi Fissi *(Non-Current Assets)*.

26.5.5 Direttiva Numru 5A/2016 tad-Dipartiment għall-Gvern Lokali – Irtirar ta' Direttiva 5/2016 u Sostituzzjoni tagħha.

26.5.6 Ċirkulari Numru 50/2016 u kjarifika tagħha tad-Dipartiment għall-Gvern Lokali – Sejħiet għall-offerti/Kuntratti dwar Manutenzjoni tad-Dawl fit-Toroq.

26.5.7 Ċirkulari Numru 1/2017 tad-Dipartiment għall-Gvern Lokali – Funzjoni dwar iż-Żamma fi Stat Tajjeb u Manutenzjoni tat-Toroq.

26.5.8 Ċirkulari Numru 2/2017 tad-Dipartiment għall-Gvern Lokali – Tqegħid ta' *CCTV Camera*s f'Latrini Pubbliċi.

26.5.9 Ċirkulari Numru 3/2017 tad-Dipartiment għall-Gvern Lokali – Ħatra ta' Direttur Ġenerali (Gvern Lokali), Twaqqif tad-Diviżjoni għall-Gvern Lokali u Nomenklatura ġdida għad-Direttur (Gvern Lokali).

26.5.10 Ċirkulari Numru 4/2017 tad-Dipartiment għall-Gvern Lokali – Għeluq tas-Sena Finanzjarja.

26.5.11 Id-Dipartiment għall-Gvern Lokali bagħat korrispondenza 'Kors Għaqal id-Dar – Ħajja Aħjar – 2017'.

26.5.12 Id-Dipartiment għall-Gvern Lokali kiteb lill-Kunsill dwar il-ħatra mill-ġdid tad-Deputat Segretarju Eżekuttiv. Il-Kunsill unanimament qabel u reġa' nnomina lis-Sinjura Josianne Cassar.

26.5.13 Korrispondenza mir-Reġjun t'Għawdex dwar il-lanterni li ġarrbu ħsarat kawża tas-sajjetti u oħrajn.

26.5.14 Korrispondenza mir-Reġjun t'Għawdex dwar Seminar fuq is-suġġett – Il-Valletta 2018 f'Għawdex u x'legat ser jitħalla f'Għawdex wara l-2018. Il-Kunsilliera S Grech ser tattendi għal dan is-Seminar.

26.5.15 L-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali ser torganizza laqgħa nhar it-Tlieta 31 ta' Jannar 2017 dwar il-Fond M4.3. Is-Sindku u d-Deputat Segretarju Eżekuttiv ser jattendu għal din il-laqgħa.

26.5.16 Profs. Horatio Vella bagħat dokument biex jiġi studjat u użat għall-bżonnijiet ta' ndividwi fil-lokalitajiet li huma ġenituri waħedhom.

26.5.17 Korrispondenza dwar sejħa ġdida Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali.

26.5.18 Ittra uffiċċjali mingħand l-Avukat Joseph Grech dwar inċident awtomobilistiku li seħħ fid-29 ta' Mejju 2016 fi Triq il-Wied f'Marsalforn. Dan l-ilment intbagħat lill-Avukat tal-Kunsill sabiex jittieħed parir legali. Il-Viċi Sindku qal illi jrid ikun hemm rapport tal-Pulizija. Chev C Saliba qal illi l-Kunsill mhux uffiċċju tal-assigurazzjoni.

26.5.19 Ilment 01/2017 – il-Kunsillier Chev. C. Saliba
Talab sabiex l-istaff tal-Kunsill jiġi kollu kemm hu *full time* b'effett mill-1 ta' Frar 2017 peress li skont id-Dipartiment l-istaff huwa mlaħħaq il-massimu. Il-Kunsill qabel unanimament illi s-Sinjura Joanne Grima tibda taħdem *full time*.

26.5.20 Chev C. Saliba ssuġġerixxa li ssir il-ħarġa kulturali f'Malta fl-10 ta' Frar 2017. Il-Kunsill qabel.

26.5.21 Ilment 02/2017 – is-Sinjura G Caruana
Talbet sabiex issir tarġa taħt il-bankina għaliex il-bankina għolja. Il-Kunsill qabel li x-xogħol isir mill-kuntrattur tal-bankini.

26.5.22 Ilment 03/2017 – il-Viċi-Sindku ressaq dawn il-proposti:

- Titranġa t-tinda tal-*pitch* tal-boċċi. Is-Sindku qal u l-Kunsill qabel li għandha ssir struttura tajba. Għandu jiġi kkuntatjat il-Perit biex tinħareġ offerta.

- Jinbena ħajt fi Triq Għajn Mhelhel fil-parti ta' isfel fejn m'hemmx ilqugħ. Is-Sindku kien talab biex issir stima għall-ħitan tas-sejjieħ. Għandu jiġi ċċekkjat x'sar minn dik id-deċiżjoni.
- Jinbena ħajt imwaqqa' fi Triq is-Sagħtrija mar-raba ta' L Portelli. Għandha ssir talba lis-CMU.
- Issir kisja tarmak f' parti minn Triq is-Sagħtrija. Intqal illi kemm il-darba inġibdet l-attenzjoni lill-Ministeru għal Għawdex dwar din it-triq u l-Kunsill qabel li jerġa' jibgħat *reminder.*
- Sabiex arblu li hemm fi Triq iż-Żebbuġ quddiem l-impjant tat-tarmak jidħol il-ġewwa. Il-Kunsill qabel li ssir talba lill-Korporazzjoni Enemalta. Chev C Saliba ssuġġerixxa illi jintalab *alignment* tat-triq.

26.5.23 Ilment 04/2017 – is-Sur J Camilleri
Talab sabiex tinkesa Triq ta' Ċikku bil-konkos. Is-Sur Camilleri semma li hemm il-katusi tad-drenaġġ għaddejjin minn hemm. Il-Kunsill qabel illi din issir meta jkunu jippermettu l-finanzi.

26.5.24 Ilment 05/2017 – is-Sur T Buttigieg talab biex isir kanal għall-ilma fi Triq ta' Ċenċ. Is-Sindku qal illi kien hemm persuna li kkuntattjatu li kienet lesta li tirċievi l-ilma fil-għalqa tiegħu. Il-Kunsill qabel illi s-Sindku jerġa' jikkuntattjah sabiex tkun tista tissolva din il-problema.

26.5.25 Is-Sur G. Bondin bagħat ritratti ta' aċċident li seħħ fil-bidu ta' Triq ta' Ċenċ. Il-Kunsill qabel illi jagħmel tabella li tkun tindika *'No Left Turn'* fil-parti tat-Triq Mons. Ġużeppi De Piro qabel ma tasal għal Triq ta' Ċenċ.

26.5.26 Chev C Saliba qal illi l-konkos li sar fil-bidu ta' Wied l-Infern inqala'. Il-Kunsill qabel illi dan il-konkos jerġa' jsir mill-ħaddiema tal-Kunsill.

26.5.27 Id-Deputat Segretarju Eżekuttiv ippreżentat lill-Kunsill erba' kwotazzjonijiet għal xiri ta' *air condition* għall-uffiċċju tal-Kunsill. Il-Kunsill qabel illi jagħżel l-irħas kwotazzjoni li hija €1,080 mingħand MB Refrigeration.

26.5.28 Il-Kunsill approva xiri ta' kotba ġodda għal-Librerija għall-prezz ta' €85.06.

26.5.29 Il-Kunsill approva stima tas-Sur T. Cini għaż-żebgħa tal-fanali fi Triq il-Knisja. L-istima hija ta' €75 għal kull fanal u hemm 14 –il fanal. Il-materjal ser jitħallas mill-Kunsill.

26.5.30 Dwar il-provvista u twaħħil ta' sitt bankijiet għal Marsalforn il-Perit Edward Scerri ppreżenta rapport fejn irrakkomanda li jinxtraw mingħand Dimech Enterprises Ltd. Il-Kunsill qabel unanimament ma' dan ir-rapport.

26.5.31 Inġabru żewġ kwotazzjonijiet għal xiri ta' bozoz għall-lampi ġodda li għandna approvati:

- ESS - €354.00
- Econetique - €379.00.

Ġie nnutat illi dawn huma prezzijiet għolja. Is-Sindku qal illi tajjeb nistennew għax dan is-suġġett qed jiġi trattat mir-Reġjun t'Għawdex.

26.5.32 Żebbug Rovers F.C. talbu l-għajnuna tal-Kunsill sabiex isir *maintenance* fil-*pitch* tal-grawnd tal-iskola. Il-Kunsill qabel illi joffri l-għajnuna tiegħu u għaldaqstant sar qbil illi nkellmu lill-Perit sabiex toħroġ offerta.

25.5.33

| **Applikazzjonijiet għall-permess tal-Kunsill Lokali** | **Deċiżjoni meħuda mill-Kunsill Lokali** |
|---|---|
| Kumitat Żebbuġ Rovers FC<br>Għal attivita` ta' suq nhar<br>il-Ħadd 19 ta' Frar 2017<br>fi Triq Mons de Piro. | Approvata. |

25.5.34 Il-Kunsillier C Cassar issuġġerixxa li l-Kunsill ikollu servizz ta' *handyman*. Is-Sindku qal il-Kunsill Lokali ta' Kerċem għandu mpjegat full time. Il-Kunsill qabel li jistaqsi lid-Dipartiment dwar dan.

## 26.6 Karnival 2017

26.6.1 Il-Kunsill qabel li jorganizza attivita` tal-karnival il-Ħadd 26 ta' Frar 2017 fin-12.30pm.

Għall-attivita` tal-karnival, il-Kunsill approva:

- Marċ mill-Banda Santa Marija, jitlaq minn quddiem il-każin tal-Banda sal-Pjazza;
- Is-sehem tal-kumpaniji taż-żfin ta' Sezzjoni Żgħażagħ Soċjeta` - Filarmonika Santa Marija, Christian Sacco, Gozo Line Dancing, Annette Portelli Said, l-Għaqda Kummittiva Għawdex;
- Cini Band;
- Parteċipazzjoni tal-karrijiet żgħar tal-karnival - €150;
- Prinjolata;
- Li jsiru l-kompetizzjonijiet tal-kostumi u l-kukkanja (tingħata tifkira lill-parteċipanti kollha tal-kompetizzjonijiet);
- Servizzi ta' gwardjani lokali;
- Jippreżentaw l-attivita` Diane Calleja u l-Kav. Joe M Attard;
- Jinġabru kwotazzjonijiet għal kiri ta' PA System;
- Isiru *posters* u *leaflets* mingħand BCD Printing Ltd.

26.6.2 Chev C Saliba nsista l-punt tal-aċċessibilita` fil-pjazza u staqsa fejn waslet l-ordni tal-*bollards*. Is-Sindku kkonferma li l-pjazza m'hix ser tingħalaq kompletament għat-traffiku.

## 26.7 Ir-Rapport Finanzjarju tat-Tlett Xhur Lulju – Settembru 2016

26.7.1 Id-Deputat Segretarju Eżekuttiv poġġiet fuq il-mejda tal-kamra r-Rapport Finanzjarju tat-tlett xhur tat-tielet kwart tas-sena.
Il-Kunsill iddiskuta dan ir-rapport u ġie approvat unanimament.

## 26.8 Sejħiet għall-offerti:
## Servizzi ta' *Contracts Manager*;

26.8.1 Id-Deputat Segretarju Eżekuttiv infurmat lill-Kunsill illi dan il-kuntratt ser jiskadi fil-31 ta' Marzu 2017. Il-Kunsill qabel illi joħroġ din l-offerta għal erba' snin.

## 26.9 Kera tal-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill;

26.9.1 Is-sid tal-Uffiċini tal-Kunsill bagħat korrispondenza lill-Kunsill fejn infurmah illi minn Jannar 2017 ser jgħolli l-kera peress li l-kuntratt skada fit-2 ta' Jannar 2017. Ir-rati mitluba huma:

| | Kif kienu | Riveduti |
|---|---|---|
| *Basement floor* | €1,160.03 | €2,320.06 |
| *Ground floor* | €1,160.03 | €2,320.06 |
| *First floor* | €2,327.04 | €3,500.00 |

26.9.2 Wara li saret diskussjoni ġie maqbul illi l-kuntratt isir għal sena waħda flok tlieta kif kien qabel, b' dawn ir-rati ġodda billi m'għandniex għażla u li din l-*item* terġa' titla fl-Aġenda ta' Frar. Il-Kunsill qabel illi jitlob linja gwida dwar din is-sitwazzjoni lid-Dipartiment għall-Gvern Lokali.

## 26.10 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti;

26.10.1 Skeda tal-ħlasijiet bin-nru. 20/2016 – DOK A għall-perijodu bejn il-15 ta' Diċembru 2016 u l-20 ta' Jannar 2017 li tammonta għal €32,298.79 kienet approvata u ffirmata.

26.10.2 Il-Kunsill approva ħlas ta' *Performance Bonus* sħiħ għas-sena 2016 ta' 10% u 6% fuq is-salarju lid-Deputat Segretarju Eżekuttiv u lill-iskrivani rispettivament.

26.10.3 Dwar il-*Performance Bonus* tas-Segretarju Eżekuttiv is-Sindku qara stqarrija fejn spjega u ta dettalji dwar is-sitwazzjoni preżenti. Il-Kunsilliera S Grech issekondat din l-istqarrija u l-Kunsill qabel unanimament li jibgħat din id-deċiżjoni għall-konsiderazzjoni tad-Dipartiment għall-Gvern Lokali.

26.10.4 Id-Dipartiment għall-Gvern Lokali bagħat ir-rapport mill-Monitoring Unit dwar allegazzjonijiet dwar pagamenti mressqa fl-iskeda ta' pagamenti 18/2016. Id-Dipartiment approva li jsir il-ħlas ta' Vassallo Jewellery u talab aktar kjarifiki fuq il-pagamenti l-oħra. Il-Kunsill qabel li jagħmel *working session* dwar din iċ-ċedola.

## 26.11 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss.

26.11.1 Il-laqgħa tal-Kunsill intemmet fit-7.40 ta' filgħaxija u ġiet aġġornata għall-Ġimgħa 17 ta' Frar 2017 fil-5.00 ta' filgħaxija. Il-ħin ġie deċiż b'vot unanimu.

Konfermati, illum il-Ġimgħa 17 ta' Frar 2017.

Nicky Saliba
Sindku

Josianne Cassar
Deputat Segretarju Eżekuttiv